MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 472/2012

**Appell Nru. 472/2012**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Alan Gauci**

**Illum 4 ta' Lulju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 340476 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta' Marzu, 2004 ghall-habta ta' l-4.00 a.m. fil-Mellieha bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Jeremy Lalic f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi saq vettura ta' l-ghamla Sunbeam Imp bin-numru tar-registrazzjoni ZWE 113 fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit

minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu.
U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Jeremy Lalic, skond kif iccertifikat Dr. Maryanne Caruana MD ta’ l-Isptar San Luqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Ottubru, 2012, li biha, sabet lill-appellat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu mill-prosekuzzjoni, lliberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor ghal zmien ta’ tlett (3) snin u dan a tenur tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellat.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-18 ta’ Ottubru, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f’dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellat hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu, u thassarha f’dik il-parti fejn applikat l-attenwanti tal-provokazzjoni u in oltre thassarha f’dik il-parti fejn konsegwentement infliiet il-liberazzjoni ikkundizzjonata ghal perijodu ta’ tlett snin u minflok timponi l-piena idoneja skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Illi jinghad preliminarjament li l-Ewwel Qorti ggustifikat il-piena inflitta billi accettat d-difiza tal-provokazzjoni li tqajjmet waqt it-trattazzjoni dwar il-piena f’dan il-kaz.

Illi rrid jigi stabbilit b’mod car ukoll l-appellat hati ammetta li kien responsabbli tal-feriti
gravi li wettaq izda gab l-iskuza li ghamel hekk minhabba agitazzjoni tal-mohh. Illi din id-difiza tal-agitazzjoni tal-mohh (sudden passion) hija difiza differenti mid-difiza tal-provokazzjoni. Illi ghalhekk l-Onorabbli Qorti ma setghetx

tistrieh fuq difiza tal-provokazzjoni meta ressaq ammissjoni bid-difiza tal-agitazzjoni tal-mohh li legalment u fattwalment huma difiza differenti minn xulxin. L-anqas ma huma alternattivi ghal-xuxlin jew sostituzzjoni ta' difizi ghaliex il-fondazzjoni legali u fattwali taghhom hija differenti minn xulxin.

Illi fil-kaz Ir-Repubblika Ta' Malta Vs Nazzareno Sive Reno Mercieca U Gaetano Scerri gie retenut:
*Il-"provokazzjoni" u l-"legittima difiza" huma koncettwalment u anke fattwalment distinti. Fil-kaz tal-legittima difiza wiehed johrog mill-kamp tal-provokazzjoni kompletament u jidhol fil-kamp tal-minaccja ta' perikolu attwali u immedjat ta' dak li ut kkontemplat fil-ligi cioe' perikolu tal-mewt jew ta' offiza fuq il-persuna jew fuq il-kastita'. Il-provokazzjoni hija koncett totalment differenti u mhux kull att provokatorju jwassal ghall-legittima difiza.*

Illi hawnhekk johrog car li l-appellat qed jipprova jaghmel uzu minn diversi difizi tas-sudden passion, diminished responsibility u l-provokazzjoni f'keffa wahda meta huwa car li legalment dawn id-difizi mhumiex alternattivi ta' xulxin.
Illi huwa car li l-appellat approfitta ruhu minn dak li hass kienet provokazzjoni minima u bla konsegwenza sabiex jaghmel att ta' vendikazzjoni akuta.

Illi ghandu jkun assolutament inaccettabbli li persuna tiehu liberalment il-ligi f'idejha u
taghmel att daqshekk ezagerat minhabba kumment frivolu, (jekk ukoll kien il-kaz), jew gest li hassu urtat bih. Illi kif ukoll mhuwiex accettabli li ebda reat jigi skuzat minnhabba kwistjoni ta' unur relatat mal-post minn fejn jorigina.

Illi hija difiza ferm ezagerata ta' l-appellat li ggib l-iskuza li hass li l-unur tieghu kien imcappas meta hu tebba l-unur tieghu stess bil-glied li qabbad. Illi l-ezagerazzjoni ta' din id-difiza hija tali mod li tiggustifika tip ta' honour killing li qatt f'kwalunkwe socjeta` demokratika m'hi accettabbli u harsa lejn l-interpretazzjoni internazzjonali fir-rigward ta'

honour killings u bizejjed sabiex l-Onorabbli Qorti tigbed linja li din qatt m'hi difiza.

Illi fil-kaz Lord Morley's Case l-Onorabbli Qorti stqarret illi qatt ma jista jigi accettat li persuna ggib difiza li qed tisalvagwardja l-unur, b'reazzjoni daqshekk ezagerata meta dawn gejjin minn kummenti biss kif inhu dan il-kaz. Illi l-Onorabbli Qorti f'dan il-kaz ikkunsidrat li kumment/provokazzjoni verbali mhuwiex bizejjed biex jiggustifika ritjazzazzjoni ii tista twassal ghall-mewt ta' xi hadd minhabba li persuna thoss l-unur taghha imtebba:
*[A]s it is murder to kill without any provocation, so if the provocation he slight and trivial, it is all one in law, as if there were none. For the Law of England allows no man to value himself at such a rate as if the blood of his neighbour were fit sacrifice to expiate every mean and slight affront.*

Illi l-awtur Jeremy Holder jispjega b'mod car illi *words could not be sufficient provocation.., if*
*(some kinds of) verbal provocation were permitted to mitigate murder to manslaughter, there would clearly have been good reason to fear that the same conflicts of interpretation would come to dog trials of men for the lives as then plagued civil actions for defamation.*

Illi jidher car pero li f'dan il-kaz mahniex qed nirreferu ghall-istess difizi u dan peress li huma legalment distinti minn xulxin u ma jistghux jigu ritenuti bhala l-istess linja difenzjonali identika. *Dato ma non concesso* li din il-Qorti setghet tifhem li din il-sottomissjoni setghet tammonta ghad-difia tal-provokazzjoni (haga li l-prosekuzzjoni qed tikkontesta ghar-ragunijiet suesposti) madanakollu id-difia tal-provokazzjoni hija biss accettatabbli skont dak ii tghid il-ligi fl-artikolu 230(c):

*230. L-offIza volontarjafuq il-persuna hija skuzabbli -*
*(a)fil-kazijiet maghdudin bhala skuza ghall-omicidju volontarju fl-artikolu 227(a) u (b);*
*(b)fil-kazijiet maghdudin bhala skuza ghall-omicidju volontarju fl-artikolu 227(c);*

*(c) jekk tkun ipprovokata mnni delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna;*
*(d) fil-kaz maghdud bhala skuza ghall-omicidju volontarju fl-artikolu 227(d).*

Illi jekk l-artikoli 230(c) japplika l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha li tapplika l-artikolu 232(a) tal-Kodici Kriminali li jghid:

*232. Fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 230(b) u (c), l-akkuzat, meta jinsab hati, jehel (a) jekk l-offiza tkun gravi, il-piena ta' prigunerija ghal zrnien mhux aktar minn zewg terzi tal-piena stabbilita ghad-delitt minghajr skuza;*

Illi fic-cirkostanzi ta' l-artikolu 230(c) u l-artikoli 232(a) l-Onorabbli Qorti kienet tkun gustifikata li l-piena massima ta' disa snin tinzel sa sitt snin u per konsegwenza l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 kien ikun ggustifikat.

Madankollu l-artikolu 230(c) u l-artikolu 232(a) ma kienux japplikaw ghal dan il-kaz u ghalhekk l-Onorabbli kienet zbaljata meta applikat il-piena ta' liberazzjoni kundizjonata.

Illi l-ewwel nett l-artikolu 230(c) jaghmilha cara li l-provokazzjoni trid tkun gejja minn delitt u mhux minn kontravenzjoni. Ic-cajt, kummenti u gesti ta' Jeremy Lalic li taghhom l-appellat ivvinta li kien oppost ghalihom l-iktar li qatt jista jigu ikkunsidrati huma bhala kontravenzjoni skont l-artikolu 339 tal-Kodici Kriminali u qatt ma jistghu jigu kkwalifikati bhala delitt u ghalhekk l-artikolu 230(c) u l-artikolu 232(a) ma japplikawx.

Illi l-artikolu 339(1) (e) jispecifika:
*339. (1) Huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra 1-persuna, kull min-*

*(e) jaghmel lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra f'dan il-Kodici, jew jekk ikun ipprovokat, jingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni;*

Illi l--artikolu 235 jispecifika:

*Ma jiszvewx lill-hati l-provokazzjonijiet imsemmijin fl-artikoli 227 u 230, meta ma jkunux saru filwaqt tal-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza.*

Illi f'dan il-kaz huwa car u ovvju li l-provokazzjoni li hass l-appellat hati mic-cajt u kummenti tal-vittma mar oltre mil-limiti tal-provokazzjoni legali.

Illi l--provokazzjoni biex tkun skuzabbli trid tkun provokazzjoni legalment valida. Illi biex tkun legalment valida trid tkun l-ewwel u qabel kollox torigina minn delitt li mhux il-kaz hawnhekk, kif ukoll li trid tkun b'reazzjoni ta' bniedem b'temperament ordinarju u b'reazzjoni proporzjonata.

Illi skond l-awtur rinomati T.H. Jones u M.G.A Christie jispjegaw li kull rejazzjoni trid illi:
*"the force must be both necessary in the circumstances and proportional to the threat which is being combated human life, including that of an assailant, should not be taken unnecessarily. This means that an accused is not justified in killing an assailant where a non-fatal response would be sufficient to counter the attack....*

*The degree of force used in retaliation by the accused must not be disproportional: it must not exceed what is reasonably necessary in the circumstances …….*

*In Doherty Lord Keith emphasised that the jury had 'to consider the question of proportion between the attack made and the retaliation offered'. The nature of the attack which is being countered is of particular relevance in determining the proportionality or otherwise of the degree of retaliatory force used by the accused. The law appears to be that an accused can never be justified in using fatal force to combat what he knows to be a non-fatal attack."*

*If there are means of escape from the attack available, there is an obligation to use them. There is a duty to retreat rather that use fatal force against the assailant The*

*rationale for this rule is that it is consistent with the general principle that, out of proper respect for the value of human life, fatal force should not be inflicted other than when absolutely necessary."*

Illi huwa car li l-appellat kien motivat b'sens ta' tpatija ezagerata u mhux provokazzjoni ghax baqa jehwden biha tul ta' zmien u ma strahx sakemrn wettaq dik it-tpattija. Illi l-mottiv tat-tpattija qatt ma tista tigi kkunsidrata bhala dak li ghandu legalment jigi ikkunsidrat bhala provokazzjoni.

Illi skont l-awtur rinomat Anthony J. Mamo jispjega b'mod car, pero fil-kuntest analogu tal-omiidju volontarju:

*"As a general rule, no words or gestures, however opprobrious or provoking will be considered to be provocation sufficient to excuse homicide by reason of instantaneous passion, if the killing is effected with a deadly weapon."*

Illi bla dubju ta' xejn vettura hija kkonsidrata bhala a deadly weapon u kif qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza *"Jirringrazzja lil Alla li Jeremy Lalic ghadu haj" u li "wiehed ma jistax jinjora n-natura gravi u permanenti inflitta fuq Jeremy Lalic. . .u li. . . minhabba fih, bniedem, il-boghod kernm hu il-boghod minn dawn il-Gzejjer, qieghed jghix il-bqija ta' hajtu b'dizabilita' permanenti u dan a kawza tieghu biss".*

Mamo ikompli jispjega wkoll illi "provocation to be admitted as an excuse requires also that the reaction shall he proportionate It is essential that the wounding, etc., should have been inflicted immediately upon the provocation being given: for if there is a sufficient cooling time for the passion to subside and reason to interpose and gain dominion over the mind, and the person so provoked afterwards kills the other, this is deliberate revenge, and not heat of blood. "

Illi f'dan il-kaz hareg evidentement car li l-appellat hati qed jaghmel att kattiv u ezagerat ta' vendikazzjoni u ii kien premeditat ghal-ahhar. L-appellat meta telaq minn gewwa

l-istablilment mar direttament ghal-vettura bl-intenzjoni specifika li juzaha sabiex itajjar lil Jeremy Lalic bhala tpatijja. Illi kellu kull opportunita ii jibqa sejjer lejn ir-residenza u ma jirritornax, iktar u iktar meta kien jaf li l-vittma kien barrani li ser jirritorna lura lejn pajjizu u ma jergax jirritorna lura Malta u li qatt ma kienu se jergghu jiltaqghu ma xulxin.

Illi l-awtur rinomat Kenny jispjega illi sabiex tirnexxi d-difiza tal-provokazzjoni irrid jghaddi mit-test tal-reasonable man. Jaghti ezempju car ta' kif din id-difiza tirnexxi fil-kaz Bedder v. D.P.P fejn id-difiza tal-provokazzjoni ma rrnexxiet f'kaz ii kien jikkoncerna guvni ta' tmintax il-sena li kien impotenti. Illi dan il-guvni gie ittantat minn prostituta minhabba dan l-istat ta' fatt, kif ukoll kien qala daqqa minn ghandha u per konsegwenza hu ta daqqiet ta' sikkina u qatilha. Illi f'dan il-kaz il-Qorti rragunat illi minkejja il-kliem u d-daqqa li tatu, r-reazzjoni tieghu kienet oltre dak ta' bniedem li jirraguna b'mod normali.

Illi f'dan iI-kaz hareg bic-car mix-xhieda ta' Jeremy Lalic illi l-appellat kien hu li fixkel is-serenita ta' dak il-lejl meta beda jhares u jipponta Iejn il-vittma Jeremy Lalic u ddejqu bil-hars u gesti tieghu:

*"I saw them at times pointing at us, and talking and looking at us. Both men were staring at us, and soon after there were words between us. I can't remember exactly what was said but it was something like, "what are you looking at". This exchange of conversation between all parties was in anger. There were speaking in English, but at times they were speaking Maltese to each other. At first, the two men were sitting, but then they came over to where we were sitting. One of the men pushed me with two hands to my chest, and I pushed him back. This happened a number of times, and I saw that Kevin was also having an altercation with the other man.... A short time later, Kevin and I walked out of the front doors and left the bar. We turned left and walked up a hill and continued to walk along a road which had two lanes. It took us about 30-40 minutes to get to the top of the hill*
*……..*

*Suddenly, 1 heard Kevin yell, "Watch out", I quickly turned around and saw a car. As I turned around, the car seemed to be going very fast and it hit me hard in the left arm and shoulder. I was pushed by the impact of the car, and lost consciousness."*

*I wasn't able to see the car because it was coming towards us from behind. It zvas too fast. There was no chance to move. I think the car was speeding up as it coming. No, I could not avoid being hit by this vehicle.*
*……*
*I was in hospital for about a week. My arm was not injured in this way before this accident. After this, I had months of rehabilitation in Australia. I still get bad dreams which are ongoing, and I have been off workfor about 2 years. I lost a lot of income because of this. I have lost feeling in my left index, middle finger, and thumb. I can't tell if it is hot or cold if something is placed on my arm. It has something to do with damaged nerves. I have a 35-40cm scare on this arm.*

Illi hareg car mix-xhieda kollha tal-vittma Jeremy Lalic huwa ii minn imkien ma identifika d-diskors jew kummenti bhal kliem gay fil-konfront ta' l-appellat hati. Johrog car ukoll illi min imkien ma kien hemm gesti jew mossi da parti tal-vittma lejn l-appellat u ghalhekk bl-ebda mod ma jista jinghad li l-appellat kien gie provokat b'delitt.

Illi huwa fatt stabillit mix-xhieda tal-vittma u tax-xhieda l-ohra li ghadda perjodu ta circa erbghin (40) minuta minn ta' l-inqas meta l-appellat hati ma kellux kuntatt mal-vittma.

Illi fil-kaz Il-Pulizija Vs Angelo Gialanze' gie retenut illi sabiex id-difiza tal-provokazzjoni tirnexxi irrid bil-fors:

*rekwizit indispensabbli ghal din l-iskuzanti hi l-immedjatezza ta' passjoni istantanea; ghax, apparti konsiderazzjonijiet ohra, ikun jonqos il-fatt kollegatur ta/-rn ument ta/-incident ii fuqu hi hazata l-provokazzjoni.*

Illi dan il-perjodu certament jelimina kwalunkwe difiza tal-provokazzjoni stante li r-reazzjoni ezagerata ta' l-appellat hati ma kienx spontanju, jew sforz ta' agitazzjoni tal-mohh. IIlli l-appellat hati mhux kellu biss dak li jisejjah cooling off period izda wkoll l-opportunita li jevita lil vittma u ma jkollux aktar kuntatt mieghu.

Illi fil-kaz Repubblika ta' Malta vs. Aimen Said Giali El Baden gie retenut:
*U f'dan ir-rigward il-ligi tghidilna li fil-kazijiet ta' provokazzjoni, cioe' f'dawk il-kazijiet fejn ikun qieghed jigi nvokat l-attenwant tal-provokazzjoni li tkun ipproduciet passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh, biex l-akkuzat jitqies li ma kienx jista' jqis l-ghemil tieghu jinhtieg illi fil-fatt l-omicidju jkun sar habba sahna ta' dernm u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmul tal-qtil ta' persuna jew ta' hsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raguni tal-provokazzjoni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.*

Illi fil-kaz Ingli Ahiuwalia [1992] 4 AII ER 889 jinghad b'mod car illi *the interval between the provocative conduct and the defendant's reaction might wholly undermine the defence of provocation.*

Illi hareg ben car mix-xhieda tal-vittma kien dak li rrakontalu l-habib tieghu Kevin Gauci li qallu:

*After the accident happened, Kevin told me that he had found out that the girls we were with that night had overheard a conversation betzveen the men we had argued with. He said that they were gloating to other people in the bar that they intended to get their car and kill us.*

Illi dan huwa wkoll kollu ikkonfermat mix-xhieda ta' Donna Borg li stqarret:

*Xhud: Qal Ii kieku xi hadd bhal dak kien haqqhorn daqqa ta' karozza, Alan*
*Qorti: X'qal Alan please?*

*Xhud: Li xi hadd bhal dawk kieku haqqhom daqqa ta' karozza*
*Qorti: Kieku haqqhom daqqa ta' karozza, hekk hu?*
*Xhud: Iva*
*Pros: Sewwa u dan id-diskors qalu Alan sewwa?*
*Xhud:Iva*
*Pros: Fi x'hin rajtu hiereg minn gol-hanut?*
*Xhud: Ma harigx niill-ewwel ghaddew 20 minutes forsi*
*Pros: 20 minutes wara xiex, wara li qal dak id-diskors jigifieri qed tghid?*
*Xhud: Ehe yes*

Illi fil-kaz Repubblika ta' Malta vs. Noel Mizzi gie retenut illi:
*Hekk ukoll mhux ammissibbli l-iskuzanti tal-provokazzjoni meta l-akkuzat ikun gja' ghamel li hsieb li joqtol jew li jaghmel offiza volontarja fuq il-persuna qabel ma ssehh l-aggressjoni tal-vittma, ghax f'dan il-kaz ma jkunx jista' jinghad li l-akkuzat ikun verament "irreagixxa" ghall-agir tal-persuna l-ohra.*

Illi fil-kontro ezami taghha, x-xhud Donna Borg kompliet tikkonferma illi l-vittma qatt
ma ta fastidju lil l-appellat hati.

*Dif  Ghalli jista' jkun rajt xi mossi? Mossi?*
*Xhud: Bhal xiex?*
*Dif  Ta' fastidju fuq Alan?*
*Xhud: No*
*Qorti: Mill Awstraljani*
*Xhud: No...*

Illi anke x-xhud Wayne Buttigieg li kien habib mal-appellat ghaliex kien jiffrekwenta l-istabbiliment tieghu spiss (hbieb bhal jigifieri hafna) jikkonferma li l-appellat hati telaq mill-hanut apposta biex immur ghalihom.

Illi x-xhud Kevin Alan Gauci jikkonferma fix-xhieda tieghu kif fil-fatt kien l-appellat hati u l-grupp tieghu li qabdu mal-vittma u mieghu. Illi l-istess jikkonferma wkoll illi qatt ma kien hemm diskors u insinwazzjoni da parti tal-vittma li l-appellat kien gay u li l-anqas

qatt ma kien hemm mossi jew gesti mill-vittma lejn l-appellat. Kien fil-fatt l-appellat li
kien qed johloq il-provokazzjoni billi jhares, jidhaq bih u jipponta lejn il-vittma b'mod biex ihossu skomdu u intimidat.

Illi meta fil-fatt l-istess xhud gie ikkonfrontat fil-kontro ezami ikkorrobora bis-shih dak li qal il-vittma li qatt ma ghamel gesti, bews jew ta tip iehor lejn l-appellat. Kien in fatti l-appellat li pprovoka lil vittma bid-diskors dwar minn kien gay:

*Defence: Did at one point, Alan, turn to Jeremy and tell him "Sorry, if you're gay, I'm not".*
*Witness: Yes, that's true*
*Defence: That's true. And Alan was quiet at that moment*
*Witness: Yes*
*Defence: Very quiet*
*Witness: Yes, yes*
*Defence: Did you intervene and tell him "Watch what you are saying?"*
***Witness: Yeah. Because they were saying stuff in Maltese and laughing at hirn,and this was when Jeremy was whistling, and then Alan said, 'What's wrong? Are you gay?'***

Illi allura johrog bic-car illi l-provokazzjoni kienet assolutament gejja minn naha ta' l-appellat hati u mhux minn nahha tal-vittma!

Illi ghaikemm fil-kontest ta' proceduri civili relattivi ghal Danni naxxenti minn glieda, fil-kaz Francesco Gauci vs. Salvatore Gauci gie ritenut illi:

*Minn jikkaguna danni fi glieda ma jistax jinvoka, b 'menomazzjoni tad-danni, il-provokazzjoni, jew, forsi aktar ezattament, ii- "calor rixae ", jekk il-provokazzjoni kien ipprovokaha hu stess, jew jekk il-fatti juru li hu kien qieghed jagixxi minhabba xi rizentiment li hu kellu minn qabel versu l-parti l-ohra. U kieku stess min ikkaguna d-danni kkagunahom waqt li kien qieghed jirreagixxi, l-*

*iskuzanti tal-provokazzjoni lanqas hi ammessa, jekk dik ir-reazzjoni tieghu ma kienetx proporzjonata.*

Illi fil-kaz Il-Pulizija vs. Philip Muscat gie retenut illi:
***Fost ir-restrizzjonijiet tal-iskuzanti tal-provokazzjoni hemm anki dik illi miii qed jitlob dan il-beneficcju ma jkunx hu stess il-provokatur;*** *u ghalhekk minn f'kollutazzjoni jikkaguna feriti lil hadd iehor ma jisghax jitlob l-iskuzanti tal-passjoni, ma jisthax jinvoka l- "calor rixae ", jekk il-kolluttazzjoni pprovokaha hu stess.*

Illi l-istess xhud Kevin Gauci jikkonferma wkoll it was *an intent to hit*. *100 per cent* u illi l-appellat hati qatt ma waqqaf u offra assistenza lill-vittma.

Illi fil-kaz Repubblika ta' Malta vs. Mariano Grixti l-Onorabbii Qorti iddikjarat:

*Alla hares naslu fi-istat illi kull min ikollu xi jghid ma xi hadd, u forsi jigi fl-idejn, u forsi tintuza gebla jew tnejn, jaqbad senter u jispara fuq dak li jkun. Nies ta' temperament ordinarju ma jagixxux b'dan il-mod, izda jekk ikollhom xi jghidu ma' xi hadd jirrapurtaw lil Pulizija u jhallu lil gustizzja tiehu l-kors taghha.*
Illi ghalhekk iktar u iktar jista jigi apprezzat l-ezagerazzjoni ta' l-att f'dan il-kaz meta hawnhekk l-anqas kien hemm provokazzjoni skont il-vittma, u se mai, il-provokazzjoni li qed jishaq fuqha l-appellat hati hija provokazzjoni verbali.

Illi fit-tieni lok u in vista ta' dak ravvizzat precedentement f'dan l-appell, konsegwentement, l-ewwei Qorti qatt ma setghet tiliiberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor ghal zmien ta' tlett (3) snin.

Illi l-appellat instab hati ta' l-akkuzi kollha deddotti kontrih aliavoija bl-izkuzanti tal-provokazzjoni kif milqugha mill-ewwel Qorti. Effettivament jirriizulta li d-delitt l-iktar serju f'dan il-kaz kien dak taht l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali li ghandu l-piena massima ta' disa (9) sriin.

*218. (1) L-offiza gravi hija punibbli bil-prigunerija minn disa' xhur sa disa' snin -*

*(a) jekk tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem,jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh;*
*(b) jekk iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, filghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz;*
*(c) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iggibilha l-abort.*

Illi l-Onorabbli Qorti meta tat il-piena taghha applikat erronjament l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjijiet ta' Malta li jghid:
*22. (1) Meta qorti li fiha persuna tigi dikjarata hatja ta' reat (li ma jkunx reat punibbli biss b'multa jew ammenda) u ii ma jkunx reat ii minharra zjieda fil-piena minhabba fit-tkompiija jew dikjarazzjonijiet precedenti ta' htija, ikun punibbli bi prigunerija ghal zmien iktar minn seba' snin) jkolliha l-fehma li, fil-qies tac-cirkostanzi tal-kaz, inkluza x-xorta tar-reat u i-karattru tal-hati, ma jkunx spedjentilii twahhal piena u dik l-ordni ta' probation, ordni ta' servizz fil-komunità jew ordni ta' probation u servizz ma jkunux adatti, l-Qorti tista' taghmei ordni li biha tillibera lill-hati ghal kollox, jew, jekk il-Qorti tkun hekk tahsibha, billi tillibera lill-hati bla hsara ghlil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul dak il-perjodu,li ma jkunx izjed minn tiiet sriin mid-data ta' l-ordni, skond ma jigi specifikat fl-istess ordni. Id-disposizzjonijiet tal-proviso li hemm ma' l-artikolu 7(2) ghandhom mutatis mutandis japplikaw ghal dan is-subartikolu.*

Illi ghaldaqstant peress illi d-delitt ta' ferita gravi taht l-artikolu 218 igorr piena massima ta' disa (9) snin u minghajr l-iskuzanti tal-provokazzjoni, l-ewwel Qorti ma setghatx tapplika dan l-artikolu meta giet biex tinfliggi il-piena.

Illi minghajr pregudizzju ghal dawn l-argumenti kollha, anki jekk din il-Qorti kellha tqis din il-piena bhala wahda li setghet tinghata legalment, b'kull dovut rispett jinghad illi l-piena kif erogata f'ebda mod ma tirrefletti l-gravita' tal-kaz de quo specjalment tenut kont ukoll li l-gurisprudenza nostana tishaq li f'kazijiet fejn tintuza l-vjolenza piena karcerarja effettiva tkun aktar opportuna sabiex isservi ta'

deterrent ghal tali komportament fis-socjeta' li jwassal ghall-kummissjoni ta' dawn it-tip ta' reati.

Illi in oltre u in sostenn ta' dan bl-akbar rispett l-ewwel Qorti lanqas m'apprezzat li profondita tat-tbaghtija permanenti Ii l-vittma irrid issofri tul hajtu kollha. Il-konsultent
Francis X Darmanin li jispecjalizza fil-kirurgija plastika qal:

Kellu a crush injury, ferita crush, a crush injury, tghaffig speci ta' l-id, mghaffga, fuq il-
parti tal-minkeb u l-parti ta' fuq tal-forearm ta' l-id. Kellu ferita fonda li kienet tinvolvi l-muskoli, wiehed min-nervijiet principali ta' jdejh, hemm tlett nervijiet principali, wiehed minnhom kien maqtugh u kien juri b'certu ezami li kien, kellu deficit fil-moviment ta' jdejh, u kif ukoll il-hass, sensation fiha ukoll.

Illi din id-disgrazzja, trawma u dizabilita permanenti li telfitu milli jghix hajja normali, jahdem u igawdi dak kollha li ghandha toffri l-hajja hija kollha minhabba kapricc u vendikazzjoni ezagerata ta' 1-appellat ii qatt ma wera remors, dispjacir jew offra ghajnuna f'kwalunkwe forma lill-vittma li ser ibaghti konsegwenzi enormi tul hajtu kollha.

Illi finalment u fir-rigward il-kumment ta' l-Onorabbli Qorti rigward id-dewmien hareg ben car tul l-atti, inkluz il-verbali ta' l-Onorabbli Qorti li ma kienx hemm dewmien minhabba xi nuqqas da parti tal-prosekuzzjoni izda ghaliex kien hemm in-necessita ta' ittri rogatorji. Illi l-vittma kien lest li jixhed fizikament gewwa l-Qrati Maltin, izda ma
kellux finanzi sabiex jigi minhabba li kien ilu sentejn ma jahdem u kellu spejjez kbar medici minhabba l-konsegwenzi ta' dan id-delitt. Illi oltre dan it-trapass ta' zmien ma fissirx Ii l-gustizzija ma ssirx. Illi fil-kaz Repubblika ta' Malta vs Salvatore Mangion, is
sentenza ta' ghomor il-habs nghatat hamsa w ghoxrin (25) sena wara li kien sar id-delitt.

Illi ghalhekk jidher bic-car illi l-Onorabbli Qorti fl-applikazzjoni tal-piena ghamlet apprezzament u kalkolazzjoni zbaljat tal-ligi u tal-fatti u kellha tinfliggi piena

karcerarja konsiderando li l-elementi tal-provokazzjoni ma jissusistux u qatt ma kellhom jintlaqghu.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fil-21 ta' Marzu, 2004 l-appellat u l-vittma Jeremy Lalic kienu gewwa l-istabiliment Zepp's Bar il-Melliha. Illi l-vittma Jeremy Lalic ta' nazzjonalita Awstraljana u l-appellat ma kienux jafu lil xulxin. Li l-appelat kien qieghed jikkumenta u jidhaq bil-vittma Jeremy Lalic, li wara li l-vittma staqsa lill-appellat jekk kellux xi haga xi jghidlu, l-appellat qam minn postu, mar fuq il-vittma ma habib tieghu, imbuttaw fizikament lill-vittma u l-habib tieghu Kevin Gauci u ntqal diskors bejniethom. Kien hawn hekk li l-vittma staqsa lill-appellat jekk kienx gay u diskors iehor f'dan is-sens.

Il-vittma Jeremy Lalic u l-habib tieghu Kevin Gauci telqu mill-istabbiliment wara l-incident. Xi erbghin (40) minuta wara Lalic kien miexi fuq il-bankina u l-appellat kien fil-karozza tieghu u kien f'dan il-mument illi l-appellat baqa' diehel fuq Lalic u tajru minn fuq il-bankina. L-appellat telaq minn fuq il-post minghar ma waqaf jew offra assistenza. Lalic soffra griehi gravi u permanenti b'dizabilita illi taghhom kellu jbati l-konsegwenzi tul hajtu kollha.

B'Sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru, 2012 l-ewwel Qorti sabet lill-appellat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu izda lliberatu taht il-providimenti ta' l-Artiklu 22 tal-Kap 446 ghal zmien tliet (3) snin. L-ewwel Qorti accettat id-difiza illi l-appellat agixxa b'dan il-mod peress li kien provokat. L-ewwel Qorti fost affarijiet ohra qalet "l-*imputat huwa residenti u, ghalhekk, fil-mohh tieghu, ghandu reputazzjoni x'jiddefendi gewwa l-Mellieha u meta l-incident gara gewwa l-Mellieha u quddiem il-Mellehin, l-insinwazzjoni li forsi l-imputat seta' kien gay, waqt li ma hemm xejn hazin f'dan, forsi f'mohh l-imputat u c-cittadini l-ohra tal-lokal, dan mhuwiex wisq accettabli!*"

L-ewwel Qorti forsi giet konvinta taccetta din it-tezi tal-provokazzjoni fuq insinwazjoni ta' l-Ufficjal Prosekutur

stess, fejn fit-trattazzjoni tieghu jghid: "m*a kienx jigri li kieku ma kienx hemm dak li nemmen illi kienet provukazzjoni . . . da parti tal-vittma".* Dan gieghel lill-appellat jargumenta illi b'din id-dikjarazzjoni l-prosekuzzjoni rabtet idejn il-Qorti u ma kelliex triq ohra hlief li tiddeciedi skont dak suggerit u bir- ragun hadet ukoll in konsiderazzjoni l-ambjent socjali fejn gara dan l-incident.

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad li ghal dawk illi huma l-fatti kif jirrizultaw f'dan il-gudikat mhumiex kontestati. Qed jigi kontestat pero' l-interpretazzjoni u t-tifsira li l-Qorti tat ghall- kuncett ta' provokazzjoni f'dan il-kaz fejn, l-Avukat Generali qieghed jargumenta illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata fil-konsiderazzjonijiet taghha u ma kellha qatt taccetta d-difiza tal-provokazzjoni f'dawn ic-cirkostanzi.

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad li l-prosekuzzjoni u lanqas id-difiza ma jistghu qatt jorbtu lill-Qorti b'xi sottomissjoni illi huma jaghmlu waqt it-trattazzjoni jew waqt il-mori ta-kawza. Fil-waqt illi l-Qorti dejjem ghandha taghti widen ghal dak li jghidu l-partijiet pero' l-Ligi hija suprema u fejn dawn ma jaqblux mad-dettami tal-Ligi, l-Qorti m'ghandha qatt taghti kaz dawn is-sottomissjonijiet u tiddeciedi purament fuq dak li jirrizulta skont il-Ligi. Ma hemmx dubju illi l-kuncett tal-provakazzjoni kif espost f'din is-Sentenza huwa zbaljat u dana 'l ghaliex mit-test ta' l-istess dicitura l-Qorti applikat it-test soggettiv, mentri fil-fatt kellha tapplika t-test oggettiv.

Fil-kawza deciza mill-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu, 1998 il-Pulizija vs Emanuel Tabone l-Qorti qalet "*biex provokazzjoni tkun tista titqies bhala skuzanti, trid tissodisfa r-rekwiziti kollha tal-proviso ta' l-Artiklu 227 (c). Fost dawn ir-rekwiziti li l-provokazzjoni trid tkun tali "li f'nies ta' temperament ordinarju komunament iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt." Il-kriterju, ghalhekk, hu wiehed oggetiv; il-bniedem ta'*

*temperament ordinarju."* Fil-fatt il-Professur Mamo fin-noti tieghu jghid "*the test to be applied is whether the provocation was sufficient to deprive a reasonable man, a man of ordinary temperament, of his self-control, not whether it was sufficient to deprive of his self-control the particular person charged….."* ( page 241). Dana stabbilit il-Qorti trid tara jekk bniedem ta' temperament ordinarju kienx jasal biex jaghmel dan il-att taht il-provokazzjoni illi gie allegat mill-vittma.

Ikunsidrat.

Irrizulta bhala fatt illi l-vittma u l-appellat kienu qeghdin jixorbu go dan il-bar il-Mellieha fejn ma hemmx dubju illi x-xorb ghamel tieghu u zgur illi f'xi stadju il-vittma kien taht l-influwenza tax-xorb. Kien hawn hekk illi qam argument bejn l-appellat u l-vittma fejn dan ta' l-ahhar allega illi l-appellat kien gay. L-incident waqaf hemm ghax wara xi ftit il-vittma u shabu hargu mill-bar izda l-appellat baqa' jewden go fih u wara xi hin iddecieda illi jidhol fil-karozza tieghu u jsuq ghal fuq il-vittma. Dana sar bejn erbghin (40) minuta wara li kien hemm il-batti bekk bejn il-vittma u l-appellat. Dan it-trapass ta' hin zgur illi ma jagevolax lill-appellat peress illi kien hemm zmien bizzejjed sabiex jirrifletti fuq dak illi kien sejjer jaghmel u jerga lura minn dan il-hsieb. Bniedem ta' temperament ordinarju hekk kien jaghmel u mhux jiehu l-Ligi b'idejh u jasal biex jikkawza griehi ta' naturi gravi b'debolizza permanenti fuq persuna ohra.

L-appellat ma jistax jargumenta illi huwa agixxa taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh, b'dan illi ma kienx kapaci jqis l-ghemil tieghu. Dana 'l ghaliex ghadda z-zmien bizzejjed bejn id-diskors illi sar fil-bar u l-incident fit-triq fejn bniedem ta' temperament ordinarju zgur illi kien iqis il-konsegwenzi ta' dak illi kellu f'mohhu. Apparti minn hekk il-provokazzjoni subita zgur li ma tinkwadrax fil-kuntest ta' l-Artiklu 230 (c) tal-Kap 9 li jippreskrivi li l-offiza volontarja fuq il-persuna hija skuzabbli . . . . " *Jekk tkun provokata minn delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna."* Taht l-ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma tista l-Qorti tqis id-

diskors illi sar mill-vittma bhala delitt u l-appellat ma kellu l-ebda dritt jagixxi bil-mod illi ghamel ukoll jekk il-Qorti tqis l-isproporzjonalita bejn l-offiza subita u r-reazzjoni ta' l-appellat. Kif jispjega l-Professur Mamo "*Provocation to be admitted as an excuse requires also that the reaction shall be proportionate . . . .*"

Il-Qorti ma tara assolutament xejn proporzjonat bejn id-daqqa illi qala' l-vittma illi hallewh bi griehi ta' natura gravi u l-agir tal-vittma bid-diskors illi qal anke jekk il-Qorti tikkunsidra dan id-diskors fil-kuntest ta' l-allegat ambjent socjali fejn intqalu, jekk verament dan l-ambjent socjali jezisti. Il-Professur Mamo jkompli jghid "*as a general rule, no words or gestures, however approbrious or provoking will be considered to be provocation sufficient to excuse . . . . by reason of instantaneous passion . . .*"

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi s-suggeriment ta' l-Ufficjal Prosekutur illi l-appellat seta' rrejagixxa ghax kien hemm provokazzjoni huwa legalment zbaljat u l-ewwel Qorti ma messiex qaghdet fuq dan is-suggeriment imma ghamlet ir-ricerka taghha biex tasal ghat- tifsira gusta tad-difiza tal-provokazzjoni. Fi kliem iehor, l-appellat ma jista qatt jecepixxi l-provokazzjoni bhala difiza ghal dan il-att li wassal biex giet ikkawzata ferita gravi fuq persuna ohra. Id-diskors illi ntqal ma kienx tali illi jgieghel persuna ta' temperament ordinarja jitlef il-komportament logiku tieghu. Ma kien hemm xejn instantanja fir-reazzjoni ta' l-appellat izda dam jahsibha erbghin (40) minuta qabel ma ddecieda illi juza l-karozza bhala arma u jinfliggi ferita gravi fuq il-parti leza. Terga anke jekk ghall- grazzja ta' l-argument jinghad illi l-vittma qal xi haga illi biha seta' gie offiz, l-appellat zgur illi ma kien hemm xejn proporzjonat bejn din l-offiza u l-azzjoni tieghu. Dawn il-fatturi quindi jimmilitaw kontra l-appellat u ma jistax b'success jecepixxi d-difiza tal-provokazzjoni ghall- ferita gravi illi huwa kkawza fuq il-vittma.

Ikkunsidrat.

Ghal dak li jirrigwardja l-piena, m'huwiex kontestat illi l-vittma soffra griehi gravi fil-kuntest ta' l-Artiklu 218 tal-

Kodici Kriminali b'parametri ta' piena bejn disa' (9) xhur sa disa' (9) snin u b'dawn il-parametri l-ewwel Qorti ma setghet qatt tapplika l-Artiklu 22 tal-Kap 446. U biex tirrifletti l-gravita tal-kaz u sservi ta' deterrent ghal tali komportament fis-socjeta li jwassal ghal kommissjoni ta' dawn it-tipi ta' reati din il-Qorti jidhrilha illi ghandha tapplika piena ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn ir-raguni l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa l-appell, tirriforma s-Sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu, thassarha dik il-parti fejn applikat l-attenwanti tal-provokazzjoni u f'dik il-parti fejn infliggiet il-liberazzjoni kondizzjonata. Wara illi rat l-Artiklu 218 (1) tal- Kap 9 tikkundanna lill-appellat ghall- piena ta' prigunerija ta' tnax (12) –il xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------